MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 578/2014

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**Vs**

**Valentina ROSI [ID. Nru. 79745A]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-20 ta' Awwissu, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' elf mitejn sitta u sebghin euro u disgha u tmenin ċenteżmi ta' euro [€1276.89c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta attriċi s-somma ta' elf mitejn sitta u sebghin Ewro u disgha u tmenin ċenteżmu (€1276.89) in konnessjoni ma' 79682319 (AC40228260).

Illi s-somma fuq imsemmija tinkludi l-ammonti dovuti bhala penali ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratti.

Illi nterpellata sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluż dawk in konnessjoni ma' ittra uffiċjali 790/14, u bl-imghaxijiet legali sa mit-2 ta' Mejju, 2014, data tal-imsemmija ittra ufficjali".

Ra li l-intimata giet debitament notifikata bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li ma dehritx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda ta' Charmaine Wiffen rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti tikkonferma li l-intimata ghad fadallha thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf mitejn sitta u sebghin euro u disgha u tmenin ċenteżmi ta' euro [€1276.89c].

Ra li Dr. Ingrid Zammit Young iddikjarat li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza a tenur tal-artikoli 9 (2) (a) u 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimata tas-somma ta' elf mitejn sitta u sebghin euro u disgha u tmenin ċenteżmi ta' euro [€1276.89c] in konnessjoni ma' 79682319 (AC40228260).

Ikkunsidra;

2. Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti xehdet llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ta' elf mitejn sitta u sebghin euro u disgha u tmenin ċenteżmi ta' euro [€1276.89c] ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimata.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

(b) *Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimata giet notifikata bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u baqghet ma dehritx ghas-seduta tal-lum miżmuma quddiem it-Tribunal.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimata.

   Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf mitejn sitta u sebghin euro u disgha u tmenin ċenteżmi ta' euro [€1276.89c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mit-2 ta' Mejju, 2014, data ta' l-ittra uffiċjali (fol. 6) sad-data tal-hlas effettiv.

   L-ispejjez kollha, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata fit-2 ta' Mejju, 2014, huma a kariku tal-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------